PARLAMENT EWROPEW 2014 - 2019

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2014/2245(INI)**

20.4.2015

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar l-investiment għall-impjiegi u t-tkabbir: il-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni
(2014/2245(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Danuta Jazłowiecka

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi, f'ċerti Stati Membri, il-kriżi finanzjarja ħalliet impatt fuq il-politika ta' koeżjoni u wasslet biex saħansitra jkun hemm rati ogħla ta' qgħad, żieda fil-faqar, fl-esklużjoni soċjali kif ukoll kibru d-diverġenzi bejn ir-reġjuni tal-Unjoni;

B. billi l-aħħar ċifri għall-2013 juru qgħad fit-tul fl-Unjoni f'livell storikament għoli ta' 5.1 % tal-forza tax-xogħol; billi l-qgħad fit-tul għandu konsegwenzi kruċjali għall-individwi tul ħajjithom u jista' jsir strutturali, b'mod partikolari fir-reġjuni periferiċi;

C. billi dan l-aħħar kien hemm tnaqqis ta' 15 % fl-investiment pubbliku fl-Unjoni f'termini reali, u billi ħafna reġjuni, b'mod speċjali dawk li qed jiffaċċjaw sfidi demografiċi, ma setgħux jikkontribwixxu b'mod adegwat għall-miri tal-Ewropa 2020, speċjalment għall-mira ewlenija ta' rata ta' impjieg ta' 75 % sal-2020, il-mira ta' tnaqqis tal-faqar b'20 miljun persuna kif ukoll il-mira biex jiġi limitat it-tluq bikri mill-iskola;

D. billi r-reġjuni li jsofru minn żvantaġġi naturali jew demografiċi serji u permanenti normalment ikollhom rati ogħla ta' qgħad, inqas tkabbir ekonomiku u nuqqas ta' investiment sinifikanti li jwasslu għal diverġenza strutturali fl-Unjoni; billi f'dawn ir-reġjuni r-rati tal-impjieg huma, bħala medja, madwar 10 punti perċentwali taħt il-mira nazzjonali meta mqabbla ma' reġjuni aktar żviluppati li jkollhom biss 3 punti perċentwali inqas;

E. E. billi l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) għadhom xorta waħda wieħed mill-istrumenti ta' investiment ewlenin tal-Unjoni, bil-potenzjal li jitnaqqsu d-differenzi u l-iżbilanċi strutturali bejn ir-reġjuni, ittaffu t-tendenzi negattivi li jirriżultaw mill-kriżi ekonomika u joħolqu impjiegi ta' kwalità u sostenibbli, kif ukoll tkabbir sostenibbli, speċjalment fir-reġjuni li l-aktar għandhom bżonnha, jekk jintużaw b'mod effiċjenti; billi l-Fond Soċjali Ewropew (FSE) huwa l-istrument ewlieni għall-investiment fil-kapital uman, li jippromovi l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u jiġġieled il-faqar u l-esklużjoni soċjali;

F. billi l-iżbilanċi soċjoekonomiċi bejn l-Istati Membri komplew jintensifikaw, filwaqt li hi bil-kontra fir-rigward tal-għan ta' konverġenza reġjonali; billi d-differenza bejn iċ-ċentru u l-periferija fir-rigward tal-qgħad żdiedet minn 3,5 % fl-2000 għal 10 % fl-2013; billi din id-diverġenza żżid ir-riskju ta' frammentazzjoni u thedded l-istabbiltà ekonomika u l-koeżjoni soċjali tal-UE; billi s-Sitt Rapport dwar il-Koeżjoni jenfasizza r-rwol li għandhom l-FSIE sabiex tingħeleb l-inugwaljanza, speċjalment matul il-kriżi;

1. Iqis li hu ta' dispjaċir li l-potenzjal tal-ħolqien ta' impjiegi tal-fondi tal-Unjoni għadu insuffiċjenti, u jinnota li dan għandu jkompli jissaħħaħ permezz ta' tfassil ta' politika u ta' implimentazzjoni aktar effiċjenti u orjentati lejn ir-riżultati; jesprimi f'dan ir-rigward it-tħassib tiegħu dwar id-dewmien fl-adozzjoni u fl-implimentazzjoni tal-programmi operattivi għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u

lill-Istati Membri jħaffu l-proċess; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament għall-benefiċjarji kollha, speċjalment l-SMEs, li riċentement iġġeneraw 80 % tal-impjiegi ġodda fl-Unjoni;

2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jfasslu politiki maħsuba apposta biex jappoġġjaw il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għall-persuni li ilhom qiegħda, għall-persuni akbar fl-età li huma qiegħda, għan-nisa u gruppi prijoritarji oħra li ntlaqtu l-aktar mill-kriżi;

3. Iqis li huwa ta' dispjaċir li r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ għadha għolja wisq, speċjalment f'dawk l-Istati Membri li nlatqtu l-aktar ħażin mill-kriżi ekonomika; jistieden lill-Istati Membri biex minnufih jagħmlu l-aħjar użu possibbli tal-flus disponibbli taħt l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, b'mod partikolari il-EUR 1 biljun f'finanzjament minn qabel — ladarba dan l-ammont ikun ġie rilaxxat — sabiex jiffaċilitaw l-aċċess għall-impjieg għaż-żgħażagħ; iħeġġeġ lill-Istati Membri jużaw il-fondi disponibbli tal-Unjoni biex jikkomplementaw u jtejbu programmi nazzjonali mmirati sabiex jippromovu l-kompetittività reġjonali, l-impjiegi u t-trawwim ta' spirtu intraprenditorjali, partikolarment fost iż-żgħażagħ; jitlob ukoll, f'dan ir-rigward, lill-istituzzjonijiet Ewropej tal-edukazzjoni għolja biex jagħmlu sforz akbar ħalli jadattaw il-programmi tagħhom għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u tas-soċjetà b'mod ġenerali, u biex jiżviluppaw programmi ta' gwida individwali u konsulenza li jistgħu jgħinu fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ fuq skala kbira;

4. Jirrimarka li n-numru ta' dawk li jħallu l-iskola kmieni fl-UE għadu għoli ħafna u qiegħed jaffettwa r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ; Jenfasizza li din il-problema jeħtieġ li tiġi ttrattata billi jkunu modernizzati s-sistemi edukattivi u l-kurrikula, bl-użu tal-assistenza tal-FSE;

5. Jenfasizza l-importanza tad-dimensjoni tas-sessi fil-ħolqien ta' impjiegi; jistieden lill-Kummissjoni biex talloka biżżejjed fondi ħalli jiġi indirizzat il-qgħad fost in-nisa; huwa tal-fehma li n-nisa jistgħu jibbenefikaw minn avvanzi teknoloġiċi li jippermettulhom flessibbiltà akbar fil-ħinijiet tax-xogħol, u jistieden lill-Kummissjoni tinvesti f'dan il-qasam;

6. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni tal-gruppi ta' minoranza fl-Unjoni kollha, peress li huma soġġetti għal kull forma ta' esklużjoni soċjali u għalhekk għandhom aktar probabbiltà li jbatu minn qgħad strutturali; iqis li kwalunkwe ppjanar ta' politika favur il-koeżjoni soċjali fl-Unjoni għandha tqis l-integrazzjoni tal-minoranzi;

7. Jenfasizza li, minħabba bidliet fix-xejriet tal-produzzjoni u t-tixjiħ tal-popolazzjoni, żdied b'mod sinifikanti r-rwol tal-Fond Soċjali Ewropew u tal-investimenti fl-adattament tal-ħiliet tal-ħaddiema; jemmen bil-qawwa li, f'dan ir-rigward, il-FSE għandu jkun komplementari għal approċċi nazzjonali fl-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw li r-riżorsi disponibbli jintużaw bl-aktar mod effikaċi u effiċjenti possibbli bil-ħsieb li tiġi żgurata l-impjegabbiltà tal-ħaddiema, l-inklużjoni soċjali u l-ugwaljanza bejn is-sessi; jenfasizza, fl-istess ħin, li l-programmi ta' taħriġ iffinanzjati taħt l-FSE għandhom ukoll jiġu adattati għall-ħtiġijiet ta' imprendituri u persunal f'livell maniġerjali, sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp sostenibbli ta' kumpaniji, speċjalment SMEs, li

jiġġeneraw il-maġġoranza ta’ opportunitajiet ta’ impjiegi fl-Unjoni;

8. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jkomplu jaħdmu, partikolarment, biex itejbu u jestendu l-pjattaforma EURES bħala għodda effikaċi li tiffaċilita l-mobbiltà tal-ħaddiema fl-Ewropa, b’mod partikolari l-mobbiltà transkonfinali, billi jtejbu l-għarfien tal-ħaddiema dwar is-suq tax-xogħol Ewropew, jinfurmawhom dwar l-opportunitajiet ta’ xogħol u jgħinhom fil-formalitajiet; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jiżviluppaw u jappoġġjaw netwerks tal-EURES, mhux l-inqas minħabba l-fatt li ħaddiema transkonfinali huma l-ewwel li jintlaqtu minn problemi ta’ addattament u minn diffikultajiet fir-rigward tar-rikonoxximent ta’ kwalifiki professjonali; jinnota li billi jġibu flimkien is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, l-imsieħba soċjali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali kif ukoll partijiet interessati privati oħra, dawn in-netwerks jiffaċilitaw u jappoġġjaw il-mobbiltà transkonfinali;

9. Jenfasizza l-ħtieġa li l-ħolqien ta’ impjiegi ta’ kwalità jiġi indirizzat bl-għajnuna ta’ teknoloġiji ġodda; huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha torbot it-tnaqqis tal-qgħad mal-għodod tal-Aġenda Diġitali u Orizzont 2020;

10. Jenfasizza li l-Unjoni għandha tinvesti f’negozji u tappoġġja l-ħolqien ta’ negozji b’enfasi partikolari fuq l-SMEs u l-mikrointrapriżi, li jirrappreżentaw 99 % tan-negozji kollha fl-Unjoni u li riċentement iġġeneraw 80 % tal-impjiegi l-ġodda, billi jiġi tiffaċilita l-aċċess għall-finanzi, tnaqqas il-piżijiet burokratiċi, tissimplifika l-leġiżlazzjoni fil-qafas tal-programm REFIT, u tipprovdi ambjent ospitabbli u l-qafas regolatorju t-tajjeb, anke għal negozji li jkunu għadhom kemm jiftħu; jenfasizza li dawn il-miżuri ma għandhomx iwasslu biex idgħajfu d-drittijiet soċjali u tax-xogħol fl-UE; jilqa’, għalhekk, l-intenzjoni li jiġi stabbilit, bħala għodda kumplimentari għall-Politika ta’ Koeżjoni, il-Fond Ewropew ġdid għal Investimenti Strateġiċi, li għandu l-potenzjal li jiġġenera 1.3 miljun impjieg addizzjonali fi żmien tliet snin;

11. Jenfasizza li l-politika ta’ koeżjoni għandha tintuża biex tiġġenera tkabbir intelliġenti u sostenibbli f'dawk ir-reġjuni li jeħtiġuha l-aktar billi tappoġġja l-bidu u l-iżvilupp ta’ intrapriżi mikro, żgħar u medji permezz ta’ firxa ta’ miżuri u strumenti finanzjarji;

12. Jistieden lill-Istati Membri, bi ħsieb li tintlaħaq konverġenza soċjoekonomika, jiżguraw li r-reġjuni periferiċi u żgħar ukoll ikollhom il-kapaċità meħtieġa, bħalma huma riżorsi umani, biex jassorbu l-fondi disponibbli;

13. Jistieden lill-Istati Membri, fid-dawl tal-effetti negattivi li t-tixjiħ tal-popolazzjoni u sfidi demografiċi oħra qed ikollhom fuq is-swieq tax-xogħol, jiżviluppaw proġetti li jindirizzaw it-tnaqqis fil-popolazzjoni u jappoġġjaw il-mobbiltà;

14. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jkunu indirizzati investimenti lejn reġjuni aktar dgħajfa ekonomikament li għandhom livell għoli ta’ qgħad, u lejn SMEs f’tali reġjuni, peress li dawn għandhom aċċess limitat għall-finanzjament, sabiex tiżgura li dawn l-isforzi jkollhom impatt sinifikanti fejn huma l-aktar meħtieġa, b’għażliet magħmula bl-attenzjoni dovuta għall-karatteristiċi ekonomiċi tal-investimenti; jikkondividi l-fehma tal-Kummissjoni dwar il-fatt li hemm bżonn ta' ħaddiema bl-aqwa ħiliet f'setturi li qegħdin jikbru bħall-ekonomija diġitali, is-setturi ekoloġiċi u l-kura tas-saħħa;

15. Ifakkar li l-allinjament tal-pagi mal-produttività huwa importanti, mhux biss għall-koeżjoni soċjali, iżda wkoll biex tinżamm ekonomija b'saħħitha u forza tax-xogħol produttiva;

16. Jenfasizza r-rwol tal-koeżjoni territorjali u f'dan ir-rigward jenfasizza l-importanza ta' investimenti f'infrastruttura transkonfinali, bħall-ilma navigabbli interni, b'rikonoxximent tar-rwol tagħhom fit-trawwim ta' żvilupp soċjoekonomiku tar-reġjuni;

17. Iqis li l-miżuri tal-politika ta' koeżjoni għandhom rwol essenzjali x'jaqdu fit-tnaqqis tad-disparitajiet kompetittivi interni u l-iżbilanċi strutturali fir-reġjuni li jeħtiġuha l-aktar; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra prefinanzjament sabiex jiġi ffaċilitat l-użu sħiħ tal-fondi mill-Istati Membri kkonċernati fil-perjodu 2014-2020, filwaqt li dejjem jiġi żgurat li l-prinċipju ta' responsabbiltà tal-baġit ikun rikonoxxut;

18. Iqis li d-dixxiplina baġitarja hija ta' importanza fundamentali biex jinkiseb it-tkabbir u l-ħolqien ta' impjiegi intelliġenti u sostenibbli; jitlob biex terġa' tingħata attenzjoni fuq infiq aħjar u l-ġlieda kontra l-frodi;

19. Jenfasizza li l-politiki tat-tkabbir u l-impjiegi għandhom impatti territorjali differenzjati, skont is-sitwazzjoni speċifika f'kull reġjun, u li d-disparitajiet reġjonali ilhom jikbru sa mill-bidu tal-kriżi; jenfasizza li r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż għandhom iqisu d-differenzi territorjali fi ħdan l-Istati Membri sabiex jiġu stimolati t-tkabbir u l-impjiegi filwaqt li tiġi ppreservata l-koeżjoni territorjali.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 16.4.2015 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 39<br>–: 13<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Laura Agea, Guillaume Balas, Tiziana Beghin, Brando Benifei, Mara Bizzotto, Vilija Blinkevičiūtė, Enrique Calvet Chambon, David Casa, Ole Christensen, Martina Dlabajová, Lampros Fountoulis, Elena Gentile, Arne Gericke, Danuta Jazłowiecka, Rina Ronja Kari, Jan Keller, Ádám Kósa, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Jean Lambert, Jérôme Lavrilleux, Patrick Le Hyaric, Jeroen Lenaers, Verónica Lope Fontagné, Javi López, Thomas Mann, Dominique Martin, Anthea McIntyre, Joëlle Mélin, Elisabeth Morin-Chartier, Georgi Pirinski, Marek Plura, Terry Reintke, Maria João Rodrigues, Claude Rolin, Anne Sander, Sven Schulze, Siôn Simon, Jutta Steinruck, Romana Tomc, Ulrike Trebesius, Ulla Tørnæs, Marita Ulvskog, Renate Weber, Tatjana Ždanoka, Jana Žitňanská, Inês Cristina Zuber |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Amjad Bashir, Elmar Brok, Tania González Peñas, Eva Kaili, Neoklis Sylikiotis, Ivo Vajgl |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Maria Grapini, Ivan Jakovčić |